MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1485/2005

**Atlas Insurance Agency kif surrogata bil-Ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' ta'l-assigurat taghhom David Farrugia u l-istess David Farrugia f'ismu propju**

**vs**

**Johann Xerri**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' erbgha mija sebgha u disghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm497.65) jew somma verjuri, rapprezentanti danni mhallsa mis-socjeta attrici fuq vettura IAE 172, assigurata *comprehensive*, hlief ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25), *excess* u ghal liema somma s-socjeta attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha David Farrugia u dan b'rizultat ta' habta li grat fit 30 ta'

Novembru 2004, go Hal-Lija waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura BAA 787 habat mal-vettura IAE 172 ta' David Farrugia u misjuqa minnu, u ghal liema incident l-konvenut unikament responsabbli, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fil-5 ta' Awissu 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' erbgha mija sebgha u disghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm497.65) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------